**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 6/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Kenneth Bonavia**

Illum, 24 ta' Mejju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Kenneth Bonavia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 223993(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja talli bejn Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) u Lulju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Iffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed seta' jirċievi bihom ħlas, jew ħa l-kunsinna ta' oġġetti, jew ġabar depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
2. U aktar talli xjentement għamel użu minn waħda mill-karti msemmijin;
3. U aktar talli għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħalaq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew

ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawżoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;
5. U aktar talli sabiex kiseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;
6. U aktar talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex ġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita u / jew entitajiet ohra;
7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u / jew xi entita u / jew entitajiet ohra, għamel qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef euro (€5000);
8. U aktar talli kellu fil-pussess ta' jew kellu taht il-kontroll tiegħu xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma xi frodi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Diċembru 2023, fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tlieta (3) u seba' (7), sabet l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 92, 141, 167, 169, 183, 184, 188(1)(2), 190, 308, 309, 310(1)(a) u 310BA(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u kkundanatu għal sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali kienu sospiżi għal żmien erbgħin (40) xahar. Inoltre, ai termini ta' l-Artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-ħati għall-piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa. Inoltrè a tenur tal-Artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat jagħmel kumpens lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali ta' dak dovut minnu lill-imsemmi dipartiment skond ir-*repayment programme* preżentat in atti.

Rat ir-rikors tal-appellant Kenneth Bonavia, ippreżentat fit-28 ta' Diċembru 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma u tvarja is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2023 billi tħassar, tikkanċella u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundanatu għall-piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa ai termini ta' l-Artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet

ta' Malta u minflok tvarja s-sentenza billi tiddikjara li l-Artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandux jiġi applikat fil-konfront tal-appellant.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata l-1 ta' April 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant iressaq aggravju uniku li jikkonċerna l-applikazzjoni mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta kkundanatu għal piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa. Huwa jsostni li minn imkien mill-atti proċesswali odjerni ma jirriżulta li hu kien impjegat jew uffiċjal pubbliku fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu u għalhekk l-Artikolu 190 tal-Kodiċi Kriminali ma seta' qatt jiġi applikat fil-konfront tiegħu.

Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravju mqanqal mill-appellant, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-proċeduri li tmexxew quddiem l-Ewwel Qorti huma għal kollox irritwali. Dan għaliex, għalkemm l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata tindika illi l-appellant ammetta għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, din l-affermazzjoni, madanakollu ma ssibx konfort fl-atti u dan kif jemerġi mill-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru 2023, fejn wara li l-Uffiċjali Prosekuturi qraw u kkonfermaw bil-ġurament l-imputazzjonijiet, l-appellant, debitament assistit, irreġistra ammissjoni unikament fir-rigward tat-tieni, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet dedotti kontrih. Wara dan hemm is-segwenti verbal:

> **"L-imputat ingħata żmien biex jerġa' ikellem lill-avukat tiegħu u ngħata żmien biżżejjed biex jekk irid imur lura minn din l-ammissjoni. Wara li reġa' ġie mistoqsi huwa kkonferma l-ammissjoni tiegħu.**

**Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-ewwel imputazzjoni ingħatat alternattivament għat-tieni waħda u t-tielet imputazzjoni ingħatat alternattivament għar-raba' waħda, għalhekk il-Qorti m'għandiex għalfejn taħli iżjed ħin biex tiġbor il-provi."**

Illi, l-funzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienet waħda ta' istruzzjoni, sabiex b'hekk ġaldarba ma kenitx reġistrata ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha mill-appellant, allura imputat, l-Ewwel Qorti kellha tipproċedi bil-kumpilazzjoni fuq l-imputazzjonijiet rimanenti u li ma kenux ġew ammessi, u ma kienx ħela ta' ħin, kif tgħid il-Prosekuzzjoni, illi l-Qorti tkompli bil-ġbir tal-provi billi hija l-liġi stess li tistipula dak li għandu jagħmel l-Istruttur meta whud mill-imputazzjonijiet ma ikunux ġew ammessi mill-persuna mputata. Illi jekk il-Prosekuzzjoni dehrilha illi l-ewwel imputazzjoni ingħatat minnha bħala alternattivament għat-tieni waħda u it-tielet alternattivament għar-raba', u li allura dawn l-imputazzjonijiet ma kenux ser jirriżultaw mill-kumpilazzjoni tal-provi, allura messha irtirathom u kien ikun f'dan ix-xenarju illi l-Qorti Istruttorja kien ikollha is-setgħa li tgħaddi għas-sentenza. Jew inkella, alternattivament, kellu jkun osservat dak maħsub fl-artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali, jingħata id-digriet hekk imsejjaħ tal-*prima facie*, bl-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali li f'idejh imbagħad titħalla s-setgħa kif ser jipproċedi, bil-possibbilita' allura li tintbagħat minnu n-nota ta' rinviju għal ġudizzju fejn dawk ir-reati li ma ġewx ammessi ma jkunux minnu ndikati fl-imsemmija nota, bil-Qorti tal-Maġistrati ikollha s-setgħa tgħaddi għas-sentenza fil-kompetenza tagħha ta' Ġudikatura Kriminali wara li n-nota tinqara u l-imputat jagħti il-kunsens tiegħu biex il-każ jiġi trattat u deċiż minn dik il-Qorti.

Illi abbinat ma' dan id-difett proċedurali, imbagħad, billi l-imputat ma kienx ammetta għall-imputazzjonijiet kollha, l-Ewwel Qorti erronjament indikat fis-sentenza tagħha illi kienu ġew ammessi b'mod ġenerali u inkondizzjonat biex b'hekk lanqas ma kien hemm adeżjoni sħiħa ma' dak li tiddisponi il-liġi fl-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali:

**(1) Jekk l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b) u fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat u l-imsemmi reat ikun suġġett għal piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba,u tagħtih ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha.**

> **(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, jekk l-akkużat jibqa' jtenni fit-tweġiba tiegħu li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat, din it-tweġiba għandha tiġi rreġistrata, u il-Qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandha tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra akkużat li jinsab ħati tar-reat u tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.**

Illi dan l-*iter* irid jiġi osservat skrupolożament u dan għaliex minn dak il-mument 'il quddiem l-ammissjoni titqies bħala l-aqwa prova tal-ħtija tal-imputat għar-reati li jkun ġie mixli bihom. Issa f'dan il-każ l-ammissjoni tal-imputat, llum appellant, kienet ċirkoskritta unikament għal uħud mill-imputazzjonijiet, u dan kif jirriżulta ukoll mill-eżami bla ġurament magħmul a tenur tal-artikoli 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex b'hekk provi fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-oħra ma hemmx fl-atti u l-Ewwel Qorti ma setatx tinterpreta din l-ammissjoni, abbinata mad-dikjarazzjoni għal kollox irritwali tal-Prosekuzzjoni, illi l-proċess kien magħluq b'mod sħiħ u tgħaddi biex tiddikjara fis-sentenza tagħha illi "**l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu**." U dan meta l-Ewwel Qorti lanqas kienet tat it-twissija skont il-liġi lill-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-oħra li ma kenux ġew ammessi.

Kien hekk deċiż:

> **7. L-effett legali ta' dik l-ammissjoni jġib miegħu is-sejbien ta' ħtija tal-imputat għal dawk ir-reati kollha li jkun ammetta għalihom inkondizzjonatament. F'każ fejn ma jkunx ammetta għall-imputazzjonijiet b'mod inkondizzjonat, il-Qorti tipproċedi biex tkompli għaddejja bis-smiegħ tal-kawża fir-rigward tar-reati jew addebiti kontestati. Iżda meta l-ammissjoni tkun reġistrata b'mod inkondizzjonat, l-ammissjoni reġistrata legalment titqies il-"prova reġina" tal-ħtija tal-imputat għar-reati u addebiti miġjuba kontrih – u li tagħhom ikun imbagħad soġġett għall-piena li l-Qorti tal-Maġistrati jkun jidhrilha xierqa li timponi f'dak il-każ partikolari. B'dik l-ammissjoni, meta reġistrata skont il-Liġi, l-imputat ikun qiegħed jirrikonoxxi li huwa jkun wettaq ir-reati kontestati lilu fl-att akkużatorju u fil-każ li jkun addebitat bir-reċidiva (jew ksur ta' ordni ta' probation, ksur ta' digriet konċedenti ħelsien mill-arrest, twettieq ta' reat fil-perjodu**

**operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża eċċetra) l-imputat ikun ukoll aċċetta u rrikonoxxa li meta wettaq ir-reati kontestati lilu, huwa kien, f'dak il-mument, qed iwettaq ir-reat kif kwalifikat bl-addebitu tar-reċidiva, ksur ta' ordni ta' probation, eċċetra.**

**8. Bl-att tal-ammissjoni tiegħu l-imputat ikun qiegħed jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet jew addebitu kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni ħielsa imtennija tiegħu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti skont kif ikunu ġew kontestati lilu[1].**

Illi f'dan ix-xenarju probatorju din il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li tissolleva din in-nullita' proċedurali *ex officio*, u għalhekk tiddikjara l-proċeduri miġjuba quddiemHa irriti u nulli minħabba karenza ta' osservanza ta' regoli proċedurali essenzjali, bl-Ewwel Qorti fl-ewwel lok kellha tkompli bil-kumpilazzjoni tal-provi ġaldarba ma kienx hemm ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha mill-imputat, kif ukoll hemm difett fis-sentenza appellata meta kien iddikjarat illi l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet b'mod ġenerali u inkondizzjonat meta dan ma kienx il-każ.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara li seħħ difett proċedurali quddiem l-Ewwel Qorti. Tiddikjara kemm l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll is-sentenza appellata nulli u bla effett fil-liġi. Għaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tal-imputat Kenneth Bonavia. Tordna li l-atti jkunu rimandati lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex il-kumpilazzjoni tissokta skond il-liġi u dan mill-mument tal-qari u konferma bil-ġurament tal-imputazzjonijiet mill-Uffiċjali Prosekuturi.

**Edwina Grima**

**Imħallef**

[1] App.Inf. Il-Pulizija vs Anabelle Camilleri 15/09/2022 Rks. Nru.266/2019